**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Artikoli 18, 31, 41(1)(a), 261(b)(c)(d), 263, 264, 265, 266, 267, 268, 278, 280, 281, 532A u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta**

**Magistrat**
**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL.D. Dip. Matr. (Can.)**

**Kump Nru: 455/13**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**

**JOSEPH MUSCAT**
**(I.D.265257M)**

**Illum, 11 ta' April 2017**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat JOSEPH MUSCAT detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 265257M, tressaq quddiemha akkuzat talli:

Nhar l-10 ta' Mejju 2013, ghall-habta tas-saghtejn nieqes kwart (13:45hrs) ta' wara nofsinhar gewwa Triq San Gorg, Naxxar, bil-hsieb li jikkommetti serq bil-valur, mezz, u persuna, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta' bidu ghall-

ezekuzzjoni tad-delitt, ghad-detriment ta' Victor Bonavia, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta' tieghu.

U talli f'dawn il-gzejjer nhar is-27 ta' April 2013 u gimghatjen ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, gewwa Triq l-Oratorju u bnadi ohra gewwa n-Naxxar, seraq mitejn u sittin Ewro (€260) u curkett tad-deheb, kif ukoll erba' mitt Ewro (€400) minn gewwa l-vettura tat-tip Leyland DAF, bin-numru ta' registrazzjoni ABM983, kif ukoll curkett ghat-detriment ta' Victor Bonavia liema serq hu aggravat bil-valur, mezz, u persuna.

Rat l-atti tal-kawza w id-dokumenti esebiti partikolarment dikjarazzjoni ta' rinunzja ghad-dritt ta' konsultazzjoni legali (fol. 2), stqarrija tal-imputat (fol. 3 et seq.), okkorrenza (fol. 5 et seq.) u rikors tal-Kummissarju tal-Pulizija biex il-kawza tinstema' bl-urgenza (fol. 9).

Rat illi waqt il-prezentata, cioe' dakinhar tal-11 ta' Mejju, 2013, din il-Qorti diversament presjeduta kienet ordnat li l-imputat jinzamm taht arrest preventiv fit-Taqsima Forensika tal-Isptar Monte Carmeli. Inoltre ordnat li jinhareg Ordni ta' Trattament taht l-Artikolu 412D tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll li l-imputat jitpogga taht Ordni ta' Supervizjoni u dan sabiex jigi stabbili x'tip ta' kura hi mehtiega fl-ahjar interess tal-istess imputat.

Rat illi din il-kawza giet assenjata temporanjament lil din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita b'digriet ta' Assenjazzjoni tal-Prim'Imhallef datat 21 ta' April, 2014 u b'mod permanenti b'digriet tal-20 ta' Novembru, 2014.

Illi fit-23 ta' Mejju, 2013, xehed l-**Ispettur Josric Mifsud** li ddikjara li fis-27 ta' April, 2013 ghall-habta tal-hamsa neqsin kwart (4.45pm) ta' wara nofsinhar kien mar l-ghassa tan-Naxxar certu Victor Bonavia u stqarr illi kien hemm xi hadd li kien sgassalu l-bieba tat-trakk u seraqlu b'madwar mitejn u sittin Ewro (€260) kif

ukoll ic-curkett taz-zwieg tad-deheb tieghu. Qallu li dan sehh go Triq l-Oratorju, fejn jghix, ftit il-boghod mir-residenza tieghu. Qal ukoll li xi granet qabel, mill-istess trakk, kienu nsterqulu xi flus.

L-Ispettur kompla jixhed li Victor Bonavia kien rega' mar ikellmu fl-10 ta' Mejju, 2013 fejn ghamel rapport li t-trakk kien rega' pparkjat fl-istess posizzjoni meta rega gie misruq u missieru kien qaghad wara xi twieqi jaghmel l-ghassa. F'xi hin dan innota persuna tiftah il-bieba tat-trakk, tidhol fih u tqalleb. Meta Bonavia resaq lejn it-trakk, skopra li kien hemm persuna li gharafha bhala Joseph Muscat. Lil Muscat kien jafu ghax kien jahdem mieghu meta kienu jmorru jbexxu fit-toroq. Bonavia staqsa lil Muscat x'kien qed jaghmel, u dan kien wiegbu li kien qed ifittex ic-cavetta tad-dar tieghu.

Sussegwentement il-pulizija sabu lil Muscat u haduh l-ghassa. Ix-xhud gharaf lil Joseph Muscat bhala l-imputat prezenti fl-Awla. Fl-istqarrija li rrilaxxja, l-imputat qal li kien mar fit-trakk ifittex ic-cavetta. L-Ispettur Mifsud zied jghid li meta tkellem ma' Bonavia dwar ic-cavetta, dan kien qallu li meta Muscat kien iddahhal l-ewwel darba l-isptar Monte Carmeli, huwa kien tassew zammlu c-cavetta, pero' mbaghad kien tahielu lura, jigifieri minn meta Muscat hareg mill-isptar sakemm Bonavia gie derubat, ic-cavetta kienet ghand Muscat. In segwitu' Muscat kien tressaq il-Qorti.

Ix-xhud kompla jispjega li minhabba n-nuqqas ta' kapacita' biex jikkontrolla l-finanzi tieghu, Muscat m'ghandux access ghall-flus tieghu, u fil-fatt ohtu ghandha prokura assoluta tieghu u tohodlu hsieb ghall-ikel u thallaslu l-kera. Karta tal-identita' m'ghandux lanqas. Jigifieri Muscat ma jkollux flus biex jonfoq fuqu. Qal li dakinhar li gie arrestat, fuq Muscat instabu zewg pakketti sigaretti u kellu diga' riha ta' xorb, illi hija wahda mill-problemi li ghandu.

Fit-23 ta' Mejju, 2013 xehed ukoll **Victor Bonavia**. Dan iddikjara li huwa jahdem bil-bowser '*water transport'*. Qal li jaf lil Muscat ghaliex huma girien u

gharfu bhala l-imputat prezenti fl-Awla. Spjega li Muscat kemm-il darba ma kienx ikollu x'jaghmel u kien imur mieghu bit-trakk. Ix-xhud qal li mar darbtejn l-ghassa biex jaghmel rapporti. L-ewwel darba ghaliex kien sab il-bieba tat-trakk imbexxqa u d-*diary* tax-xoghol mal-art. Sab ukoll il-kaxxa fejn ihalli l-flus zghar miftuha u xi flus neqsin. Dakinhar il-pulizija kienu qalulu li min kien ghamel hekk se jerga' jaghmilha ghax il-flus ma hadhomx kollha imma beda jhallilu biex hu jahseb li waqghulu u hegguh jaghmel l-ghassa u anke biex ipoggu *video cameras*. Minflok cameras huwa beda jhalli lil missieru ghassa mat-trakk waqt li dan ikun ipparkjat. Gurnata minnhom ghal xis-saghtejn neqsin xi haga, hu telaq bi trakk iehor u missieru qaghad ghassa mat-trakk in kwistjoni u dak il-hin qabad lil Muscat jipprova jiftah it-trakk li kien imsakkar. Irnexxielu jifthu u kif tela' fit-trakk missieru mar fuqu w staqsieh x'kien qed jaghmel. Dak qabad jitrieghed u telaq lejn il-pjazza.

Bonavia qal li l-ewwel darba kienu nsterqulu erba' mitt Ewro (€400) u ttiehdulu wkoll xi flus mill-kaxxa li jzomm biz-zghar flimkien ma' curkett li kien fil-kaxxa wkoll. Ix-xhud qal li aktarx li qabad u hataf il-flus mill-kaxxa bla ma nduna li kien hemm ukoll ic-curkett. It-tieni darba nsterqulu madwar mitejn u sittin Ewro (€260), izda ma jafx kemm kellu zghar. Qal li sehhew zewg (2) serqiet u mbaghad ma halliex izjed flus.

Fit-23 ta' Mejju, 2013 xehed **Paul Bonavia**. Dan qal li ibnu ghandu trakk bin-numru ta' registrazzjoni ABM 983, ghalkemm jinsab registrat f'ismu. Ikkonferma li s-sibt ta' qabel ibnu kien ghamel rapport l-ghassa li gie misruq mill-kabina tat-trakk. Wara ibnu kien talbu jaghmel l-ghassa mat-trakk u fil-fatt dam gimgha ghassa minn gewwa r-razzett. Wara gimgha lemah lil Joseph Muscat b'turnavit f'idu idawwar mas-serratura tal-kabina qisu qed idawwar cavetta. Hu tah cans jitla' fit-trakk u dan beda jfittex fil-pocket fejn is-soltu ibnu jhalli l-flus. Dak il-hin hu mar isaqsih x'kien qed jaghmel, u dak qallu li kien qed ifittex ic-cavetta. Ix-xhud wiegbu li c-cavetta kien tahielu u li ma kellux izjed cwievet. Muscat qallu li ried jistenna lit-tifel, ghax baqa' jinsisti dwar ic-

cavvetta. Qallu wkoll li t-trakk kien miftuh u allura hu staqsieh "kien miftuh qed tilghab bit-turnavit mas-serratura?" Imbaghad stenna ftit u telaq. Ix-xhud gharaf lill-imputat fl-Awla.

Illi fit-23 ta' Mejju, 2013 xehed **PS839 Stephen Micallef** li kkonferma li d-dokument esebit fl-atti a fol. 5 sa fol. 8 huwa r-rapport imhejji mis-Surgent 950. Huwa mbaghad ghamel *update* tieghu. Spjega li Victor Bonavia u missieru Paul Bonavia kienu marru jaghmlu rapport l-ghassa fl-10 ta' Mejju 2013 xis-saghtejn u nofs ta' wara nofsinhar fejn irrapportaw li kellhom it-trakk ipparkjat fi Triq San Gorg, in-Naxxar u li kienu raw lil certu Joseph Muscat ibaghbas mas-serratura tat-trakk, jidhol fih u jqalleb go fih. Il-missier qal li x'hin ra hekk mar jigri fuqu u staqsieh x'kien qed jaghmel, u dak wiegbu li kien qed ifittex ic-cavetta u mbaghad telaq jigri. Ix-xhud gharaf lil Joseph Muscat bhala l-imputat prezenti fl-Awla. Dawn kienu rrapportaw li sabu xi granet qabel kienu sabu xi flus neqsin u ghalhekk sar l-*update*.

Illi fl-4 ta' Settembru 2013 xehed **PS 950 Alan Buhagiar** li kkonferma li fis-27 ta' April, 2013 ghal xil-hamsa neqsin kwart, kien mar l-ghassa certu Victor Bonavia li qal li kien ipparkja l-bowser tal-ilma tieghu mal-hajt tal-iskola tan-Naxxar, jigifieri fi Triq l-Oratorju. Irritorna xi siegha u nofs wara u sab li xi hadd kien kissirlu s-serratura tal-bieba tan-naha tal-passiggier permezz ta' lieva. Min kien dahal gol-kabina u minn go kaxxa sewda li jkollu mwahhla mad-dashboard insterqulu mitejn u sittin Ewro (€260) fi flus kontanti li kien lestihom ghad-diesel. Stqarr pero' li ma kellu l-ebda suspett min seta' kien. Qal ukoll li din ma kinitx l-ewwel darba, ghaliex darb' ohra kien sab erba' mitt Ewro (€400) neqsin u curkett, pero' ma kienx ghamel rapport ghax haseb li kien tilifhom l-ghalqa peress li kien ipparkjah hemm. Il-pulizija marru fuq il-post biex jaraw hemmx cameras, ma sabux u f'dak l-istadju waqfu hemm. Huwa ghamel rapport fuq l-ewwel rapport u l-kollegi tieghu ghamlu update.

Fl-4 ta' Settembru 2013 xehdet **WPC78 Roslyn Ciantar**. Qalet li fis-27 ta' April, 2013 waqt li kienet xoghol l-ghassa tan-Naxxar, kien mar Victor Bonavia jaghmel rapport li waqt li kellu l-bowser ipparkjat fi Triq l-Oratorju fin-Naxxar, kien sab is-serratura sgassata u xi flus neqsin minn kaxxa li kellu f'nofs id-dashboard. Sa dakinhar ma kellux suspett min seta' serqu u cameras ma kienx hemm. Hija nfurmat lis-Surgent 950 li ghamel ir-rapport.

Illi fl-4 ta' Settembru 2013 xehdet ukoll **WPC50 Oriana Spiteri**. Din iddikjarat li fl-10 ta' Mejju 2013 kienet xoghol l-ghassa tan-Naxxar u kienu marru Victor u Paul Bonavia jirrapportaw li xis-saghtejn neqsin kwart ta' wara nofsinhar kellhom il-*bowser* ipparkjat gewwa Triq San Gorg fin-Naxxar, u waqt li t-tifel mar jiekol missieru qaghad ghassa ghax xi jiem qabel kienu sabu xi affarijiet neqsin. Dak il-hin ra lil Joseph Muscat jilghab mas-serratura tal-bieba tan-naha tax-xufier, fetahha u tela' fit-trakk. Paul avvicinah u Muscat qallu li kien qed ifittex ic-cavetta, nizel u telaq. Il-pulizija ghamlet ronda fl-akkwati fejn innutaw lil Joseph Muscat, li hija gharfitu bhala l-imputat. Dan gie arrestat u gie nfurmat l-Ispettur. Muscat inghata d-dritt ghall-Avukat li pero' huwa rrifjuta u mbaghad l-Ispettur kompla bl-investigazzjoni.

**PC568 Matthias Sammut** ukoll xehed fl-4 ta' Settembru 2013 u qal li huwa kien xhud tal-istqarrija tal-imputat, rilaxxjata wara li dina inghata t-twissija u d-dritt tal-Avukat. Ikkonferma li l-istqarrija tinsab esebita a fol. 3 tal-atti u gharaf lill-imputat fl-Awla. Ikkonferma li fuq l-istqarrija hemm il-firem tieghu, tal-imputat u tal-Ispettur Mifsud. Zied jikkonferma li l-imputat irrilaxxja l-istqarrija tieghu wara li nghata t-twissija u b'mod volontarju.

**Il-Probation Officer Glenn Grixti** xehed fl-4 ta' Settembru 2013 fejn informa lill-Qorti li ilu jsegwi lil Joseph Muscat mill-ahhar ta' Mejju 2013 meta kien mizmum fil-Forensic Unit gewwa Mount Carmel. Qal li minn dak iz-zmien Muscat kien jattendi wkoll sessions gewwa s-Sedqa nhar ta' Tnejn u Gimgha jattendi grupp fejn jigu ndirizzati nies bil-problema tax-xorb. Zied li minn

Mejju 'l hemm l-imputat kien qieghed ukoll jiehu xi medikazzjoni bl-ordni ta' psikjatra u bl-ghajnuna tal-familjari li jaraw li johodha. Qal li l-familjari raw li dan l-ahhar Joseph Muscat kien ghamel progress specjalment ghaliex m'ghadux jikkonsma alkohol. Il-Probation Officer indika lil Joseph Muscat bhala l-imputat prezenti fl-Awla. Fuq domanda tal-Prosekuzzjoni, x-xhud qal li importani li l-imputat jibqa' taht Supervision ghaliex din kienet li ghenitu jaghmel progress.

**L-istess Probation Officer** rega' xehed fit-8 ta' Mejju, 2014 fejn ikkonerma li l-imputat dejjem attenda ghal-laqghat kemm mieghu kif ukoll mas-Sedqa u fil-fatt ghamel progress ghax ma baqax jabbuza mill-alkolhol. Iddikjara li hadlu test tal-awrina li rrizulta fin-negattiv ghall-prezenza ta' xorb alkolholiku u drogi. Qal li l-imputat qieghed ukoll taht il-kura tal-Psikjatra Joseph Spiteri.

Rat illi fis-seduta tat-8 ta'Mejju, 2014 id-difiza talbet li l-imputat jigi ezaminat minn Psikjatra sabiex jigi stabbilit jekk l-imputat ghandux il-fakoltajiet ta' '*intendere u volere'* u dan kemm fil-mument tal-kummissjoni tar-reat kif ukoll illum '*to stand trial'*.

Ghal dan il-ghan il-Qorti nnominat lill-Psikjatra Dr. Mark Xuereb u dan b'digriet taghha tat-8 ta' Mejju 2014.

**Dr. Mark Xuereb** xehed fil-15 ta' Settembru 2014. Qal li in segwitu' ghan-nomina tieghu huwa kien baghat ghall-imputat u ghamel l-ezamijiet medici fuqu, u pprezenta r-relazzjoni tieghu. Din giet esebita bhala Dokument JX.

Spjega li kien ezamina lill-imputat fi tliet (3) okkazjonijiet u wasal ghal tliet (3) konkluzjonijiet, cioe' li l-imputat effettivament ghandu tliet (3) *diagnosis*.

Spjega li l-ewwel nett l-imputat ibati minn *learning difficulties* u b'hekk ghandu IQ baxx u ghalhekk il-kapacita' tieghu ta' *intendere* u *volere* kif ukoll biex jara l-qofol tad-decizjoni tieghu huwa wiehed *impaired*, baxx. Barra minn hekk

ghandu zewg komplikazzjonijiet ohra, li wahda minnhom hija li ghandu problema ta' abbuz ta' alkohol u din tikkondizzjonalu gravement l-IQ u l-ftit *coping skills* li ghandu u konsegwentement il-maturita' biex jara l-konsegwenzi tad-decizjonijiet tieghu huma kompromessi.

L-imputat ghandu wkoll Social Phobia u wahda mat-tnejn l-ohra taggrava lil xulxin u allura meta jsib ruhu fi stress jew *on the spot*, id-decizjonijiet tieghu ikunu aktar impulsivi u ma jahsibx dwar il-konsegwenzi ta' ghemilu.

Ghaldaqstant qal li fil-prezent, l-imputat l-imputat mhuwiex f'posizzjoni li jkompli l-proceduri fil-konfront tieghu.

Il-Qorti rat ir-rapport pprezentat u mahluf minn Dr. Mark Xuereb fejn wasal ghas-segwenti konkluzjonijiet u rakkomandazzjonijiet:

*"Mr. Muscat suffers from three serious mental and behavioural disorders which significantly impair his judgement, learning and communication skills.*

*Learning disability severely hinders his capacity to distinguish right from wrong and to consider the consequences of his actions. He cannot willingly break the law simply because the concepts of law and order, rules etc. are beyond his cognitive grasp.*

*Mr. Muscat is a very vulnerable person who is easily prone to manipulation and deceit. He cannot lead an independent life and cannot grasp the daily activities which one is usually accustomed to. He needs continual supervision by people who genuinely care for him, i.e. his sister to administer his money, eat, live healthily and out of harm's way.*

*His social phobia is typical of people with learning disability. He is prone to catastrophizing with potentially fatal consuequence if placed in an unfamiliar*

*environment where he is scrutinised or pressured. He is also prone to physical and mental illness as a result of his learning disability.*

*He turned to the bottle as a way to cope. This simply compounded his already serious challenges, making him more impulsive and prone to memory loss.*

L-istess espert psikjatrika irakomnada is-segwenti:-

*Mr. Muscat needs regular, long term and ongoing supervision by a psychiatrist and a probation officer to help him maximise his performance and behaviour in the community.*

*He will need psychological, psychiatric and social support to hone his limited skills and rehabilitate him. This is a lifelong process.*

*He will need ongoing support at an alcohol misuse centre with a dedicated support worker to monitor progress."*

In vista tax-xhieda moghtija mill-Psikjatra Dr. Mark Xuereb, u tar-rapport tieghu fis-seduta tal-15 ta' Settembru 2014, u wara li rat l-Artikolu 402 (1) (a), ordnat li z-zmien imsemmi fl-Artikoli 407 u 432 (3) tal-Kap. 9 jigi mwaqqaf u inoltre ordnat li l-imputat jittiehed l-isptar ghall-kura.

Ordnat ukoll sabiex fic-cirkostanzi, din il-kawza tithalla Sine Die.

Rat ir-rikors tal-Probation Office Glenn Grixti pprezentat nhar l-10 ta' Gunju 2016 fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha tirrikjama din il-kawza u tappuntha ghas-smeigh.

Rat id-digriet moghti minnha fl-14 ta' Gunju, 2016 fejn irriappuntat il-kawza ghal nhar id-19 ta' Lulju, 2016.

Rat il-verbal taghha tad-19 ta' Lulju, 2016 fejn filwaqt li attirat l-attenzjoni tal-Avukat Generali dwar l-ewwel punt tal-konkluzjonijiet tal-espert Dr. Mark Xuereb, ordnat li t-termini tal-Art. 402 (1)(A) tal-Kap.9 jigi terminat u jergghu jibdew it-termini previsti fil-ligi fl-Art. 407 u 432 tal-Kap.9.

Rat ix-xhieda tal-**Probation Officer Glenn Grixti** moghtija fit-8 ta' Novembru, 2016 fejn iddikjara li huwa ilu jsegwi lill-imputat mill-2013 in konnessjoni ma' din l-istess kawza u kkonferma li l-imputat dejjem attenda ghall-appuntamenti moghtija lilu b'mod regolari. L-imputat ghamel zmien residenti Monte Carmeli u illum il-gurnata qed jattendi *ward round* b'mod regolari. Indirizza wkoll il-problema akuta li kellu ta' xorb eccessiv, ghamel kuntatt mas-Sedqa u qed jattendi l-laqghat tal-AA b'mod regolari. Il-Probation Officer qal li skond il-familjari tal-imputat, ghal dawn l-ahhar tliet snin, cioe' kemm ilu jsegwih hu, l-imputat ma kkonsmax alkohol.

Rat l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali permezz ta' nota tat-23 ta' Dicembru, 2016 ( fol. 136).

Rat li l-imputat ma xehdx f'dawn il-proceduri pero kien irrilaxja stqarrija a tempo vergine tal-invetigazzjoni mizmuma mill-ufficjal investigattiv u dan fl-10 ta Mejju 2013 meta l-imputat allegatament kien instab fit-truck proprjeta tas-sur Victor Bonavia.

F'din l-istqarrija ighid li kien ilu l-isptar Monte Carmeli ghall-perjodu ta' xahrejn u mistoqsi ghaliex kien qieghed l-ghassa jghid li qieghed hemm ghaliex kien mar fit-truck ta' Victor sabiex ifittex ic-cavetta tad-dar tieghu. Mistoqsi jekk kienx ha l- flus mit-truck ta' Victor jew zewg crieket l-imputat jichdu dan. Jghid li kien halla c-cavetta tieghu f'dan it-truck ghaliex Bonavia kien imur ghalih sabiex ighinu isaqqi fit-triq u meta kien imur mieghu dan Bonavia kien itih hames euro ( €5.00). Jghid ukoll li kien tah ic-cavetta sabiex izommhielu sabiex filghodu

jidhol iqajmu. Mistoqsi jekk ic-cavetta kienitx ghandu ighid li le u jinsisti li kienet ghand Victor. Mistoqsi jekk jafx fejn Bonavia izomm il-flus fit-truck jghid li ma jafx. Mistoqsi jekk talabx permess lil Bonavia biex jidhol fit-truck jghid li le ghaliex dan ma kienx hemm . Ikkonferma li t-truck kien miftuh meta dahal go fih.

Semghet lill-partijiet jitrattaw il-kawza meta talbu lil din il-Qorti tghaddi ghas-sentenza finali taghha.

**Ikkunsidrat:**

Illi f'din il-kawza jirrizulta li l-prosekuzzjoni qed tallega li l-imputat kien seraq ammont ta' flus mill-vettura ta' Vitor Bonavia u dana fis-27 ta' April 2013 meta allegatament seraqlu is-somma ta' erba' mitt euro (€400) u dan wara li allegatament sgassalu l-bieba tat-truck. Tghid ukoll li l-imputat fl-10 ta' Mejju 2013 instab fit-truk ta' Bonavia tieghu u kkometta attentat ta' serq iehor fis-somma ta' mitejn u sittin ewro (€260) u zewg crieket tad-deheb pero' fl-istess nifs il-prosekuzzjoni tghid li t-tieni serqa ma irnexxietx ghaliex Bonavia kien halla lil missieru ghassa u l-imputat inqabad fil-post u ghalhekk ma seraq xejn. Minn naha l-ohra id-difiza ssostni li mhux minnu dak li gie allegat fil-konfront ta' l-imputat u addirittura issostni li ma seraq xejn. Filwaqt li l-imputat jichad li seraq is-somma ta' erba' mitt euro fl-okkazjoni li semma Bonavia fix-xhieda tieghu jaghti spjegazzjoni a tempo vergine ta' x'kien qed jaghel fit-truck fit-tieni okkazjoni meta instab fit-truck u jghid li huwa ken qieghed hemm ifittex ic cavetta tad-dar tieghu u dan ghaliex kien talab lil Bonavia izommlu c-cavetta sabiex iqajmu kul filghodu. Jghid li fil-fatt huwa kien imur ma Bonavia isaqqi fit-toroq u tali kien ighin lil Bonavia dan kien itih is-somma ta' hames euro (€5).

Illi l-prosekuzzjoni ghadnha l-obbligu li tipprova il-kaz taghha lil hin min kul dubbju dettat mir-raguni. Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputat huma veri u dan

ghaliex kif jghid il-Manzini fil-ktieb tieghu Diritto Penale Vol. III Kap IV pagna 234, Edizione 1890:-

"Il cosi` detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".

Jinghad f'dan l-istadju li l-imputat mhux tenut li jressaq l-ebda prova sabiex jipprova l-innocenza tieghu, izda hija l-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-kaz taghha sal-grad li trid il-ligi u cioe' beyond reasonable doubt.

Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-proceddiment kriminali, li biex l-akkuzat jigi ddikjarat hati, l-akkuzi dedotti, ghandhom jigu ppruvati oltre kull dubju ragjonevoli, cioe' oltre kull dubju dettat mir-raguni.

Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghal sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-sebgha (7) ta' Settembru, 1994 fl-ismijiet '**Il-Pulizija v Philip Zammit et**' u tghid pero' mhux kull l-icken dubju huwa bizzejjed sabiex l-imputat jigi ddikjarat liberat, hemm bzonn li 'dubju jkun dak dettat mir-raguni.' Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hamsa (5) ta' Dicembru, 1997 fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Peter Ebejer**', dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn Lord Denning fil-kaz '**Miller vs Minister of Pension**' - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni '*proof beyond a reasonable doubt.*'

"*Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful*

*possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice*."

Huwa mportanti wkoll li l-Qorti tfakkar lill-partijiet dwar x'jikkostitwixxu provi ndizzjarji. Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-disgha (9) ta' Gunju, 1998 fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Daeowood Sayed Dawood Abd el Kaader' hemm referenza ghal dak li qal Lord Normand fil-kawza fl-ismijiet '**Teper v The Queen**' [1952] AC 480, 489.

"*It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there are no* (sottolinear ta' din il-Qorti) *other co-existing circumstances which would weaken or destroy the inference."*

Ghalhekk kif intqal fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hamsa (5) ta' Ottubru, 1998 fil-kawza fl-ismijiet '**Il-Pulizija v Joseph Gauci et'**, li:

"*Circumstantial evidence is often the best. It is evidence of surrounding circumstances which by undersigned coincidence is capable of proving a proposition with the accuracy of mathematics*."

Bhala konkluzjoni dwar x'inhu l-ahjar prova, il-Qorti tissottolinea li huwa ben saput li l-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat u ndividwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija semplicement fuq analizi ndividwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament. Dan hu appuntu l-ezercizzju li sejra taghmel din il-Qorti, u cioe' li tezamina bir-reqqa kollha l-provi prodotti f'dan il-kaz.

Din il-Qorti fortunatament qieghda f'posizzjoni vantaggjuza meta tigi biex taghmel apprezzament tax-xhieda u dan ghaliex ghalkemm il-process ma kienx quddiemha minn dejjem, kienet hi li ghexet il-process u semghet ix-xhieda kollha tul medda ta' zmien u cioe’ tisma’ viva voce l-provi kollha u ghalhekk setghet tikkontrolla l-kredibilita’ u veracita’ tax-xhieda prodotti quddiemha specjalment dawk li xehdu in kontro-ezami.

L-ezercizzju ta' ezami tax-xhud kif kontemplat fl-**Artikolu 657 tal-Kap. 9** u cioe’ li tevalwa l-imgieba u l-karattru ta' kull xhud li semghet u li taghmel apprezzament taghha ghall-mod ta' kif ix-xhieda jwiegbu ghad-domandi li jsirulhom quddiemha, ghal kull interess li jista’ jkollu kull xhud u b'hekk tuza l-kriterji kollha li l-ligi taghtiha sabiex tkun f'posizzjoni li tikkontrolla l-kredibilita’ tax-xhud li f'dan il-kaz huwa mportanti hafna peress li kif gja ntqal hija rinfaccjata b'versjonijiet konfligenti tal-fatti u ghalhekk f'dan il-kaz, il-Qorti ghamlet apprezzament tax-xhieda moghtija mill-imputat waqt li kien fil-pedana tax-xhieda u dik tax-xhieda tal-Prosekuzzjoni, u dan sabiex tara liema versjoni sejra taccetta u hu biss wara li ghamlet dan l-ezercizzju li ghandha tara jekk jibqghux id-dubji ragjonevoli fiha jew le. Huwa indispensabbli li xhud sabiex ikun kredibbli irid ikun konsistenti f’dak li jghid u mhux ibiddel il-verzjoni tal-fati kif maghrufa minnu.  Il-konsistenza hija fundamentali ghall-kredenza ta’ xhud.

Il-Qorti ezaminat bir-reqqa kollha l-provi kollha migbura w thoss li l-alternattivi huma tnejn - jew li l-imputat qed jghid il-verita’ u cioe’ li huwa ma kkomeetta l-ebda serq u li kien fit truck tal-allegat vitma ghaleix kien qed ifittex ic-cavetta tad-dar tieghu, jew ma hiex. Pero’ fic-cirkostanzi kif inhuma, u kif jirrizultaw fil-process, biex din il-Qorti tasal ghal konkluzzjoni li l-imputat mhux hati tad-delitti imputati lilu, trid ukoll tasal ghal konkluzjoni li l-prosekuzzjoni ma irnexxilhiex tipprova il-kaz sal-grad rikjest mil-ligi mil-lenti fuq spjegata.

Ir-rizultat huwa li fi proceduri penali l-*onus* ta' prova tistrieh fuq il-Prosekuzzjoni matul il-kumpilazzjoni kollha, bhala regola generali u hija l-eccezzjoni li d-difiza trid tipprova xi haga, bhal per ezempju d-difiza tal-insanita'. Pero jekk id-difiza taghzel li tressaq xi provi jew sottomissjonijeit hwua bizzejjed ghad-difiza li tikkonvinci lil qorti bit-tezi taghha fuq bazi ta' konvinciment morali li jistrieh fuq bilanc ta' probabilita u f'kaz li dan isehh u l-Qorti ma thosshiex moralment konvinta li l-prosekuzzjoni lahqet il-grad ta' prova rikjesta minnha allura trid tillibera lill-imputat.

Hija principju fundamentali fi proceduri penali li persuna akkuzata hija prezunta nnocenti sakemm ippruvata hatja, w dan ai termini tal-**Artikolu 40 Subinciz 5 tal-Kostituzzjoni ta' Malta**, li jiddisponi s-segwenti:

"*every person who is charged with a criminal offence shall be presumed to be innocent until he is proved or has pleaded guilty*..."

Dan il-principju gie wkoll sanat fis-sentenza moghtija minn Sir Augustus Bartolo fl-ismijiet **Il-Pulizija v Michele Borg et** (deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali nhar it-13 ta' Mejju, 1936) fejn intqal:-

"*illi skond il-principju u s-sistema tal-ligi u procedura penali taghna imfassla fuq dak ta' l-Ingilterra u li huma strettament d'ordine pubblico*; *'the accused is presumed innocent until proved guilty*.' "

U issa ghalhekk wiehed jistaqsi xi tfisser verament presunzjoni tal-innocenza? Din tfisser li l-akkuzat ma jrid jipprova xejn dwar l-innocenza tieghu - hija l-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-htija tieghu. Ghalhekk peress li hija l-Prosekuzzjoni li allegat il-htija tal-imputat, l-*onus* generali tal-prova, u cioe' tal-prova tal-htija, tistrieh fuq il-Prosekuzzjoni, li ghandha ghalhekk tipprova kull element tar-reat partikolari sabiex tasal ghal din l-istess konkluzjoni.

L-obbligu li tipprova l-htija tal-akkuzat irid ikun assolut, oltre kull dubju dettat mir-raguni w f'kaz li jkun hemm xi dubju ragjonevoli, l-Prosekuzzjoni tigi kunsidrata li ma ppruvatx il-kaz taghha ta' htija w ghalhekk il-Qorti hija obbligata li tillibera.

Dawn huma principji kardinali li jsawru l-procediment penali malti. Joghbuha jew ma joghbuniex dawn huma uhud mir-regoli bazilari li jsitrieh fuqhom il-procediment penali Malti.

**Ikkunsidrat.**

Victor Bonavia skond l-okkorenza mehuda minn WPC 78 Ciantar ghamel rapport l-ghassa ttal-pulizija tan-Naxxar li xi zmien qabel xi hadd mhux maghruf kien kissirlu s-serratura tal-bowser tal-ilma li huwa ghandu u li kien halla pparkjat fi Triq l-Oratorju ghall-habta ta' 16.46 u minnu hadulu s-somma ta' mitejn u sittin Ewro (€260) li huwa kien halla go kaxxa sewda fuq id-*dashboard*, liema flus jghid li kienu lesti biex imur jaghti d-diesel bihom. Qal ukoll li din ma kinitx l-unika darba li xi hadd sgassalu l-bieba, dahal fit-truck u serqu u jghid li darba minnhom serqulu c-curkett tat-tieg u s-somma ta' erba' mitt Ewro (€400) pero' jghid li dakinhar kien haseb li tilifhom gol-ghalqa u ghalhekk ma kienx ghamel rapport.

Dakinhar pero' irraporta li aktar kmieni ghall-habta tas-13.45 huwa u missieru Pawlu kienu innotaw lill-imputat jersaq lejn il-bowser/trakk, idahhal xi haga fis-serratura tal-istess trakk, jiftah il-bieba tan-naha tax-xufier u jitla' fit-trakk. Jghidu li meta raw hekk Paul Bonavia avvicinah u rah fit-trakk '*bhal ifittex xi haga'* u meta staqsa lill-imputat x'kien qed jaghmel, minnufih wiegbu li kien qed ifittex ic-cavetta tat-trakk. Huwa nizel mit-trakk u telaq 'l hemm. Il-Pulizija marret tfittxu fl-akwati w sabitu w akkompanjatu l-ghassa ghal aktar stharrig.

L-Ispettur Josric Mifsud pero' meta xehed nhar it-23 ta' Mejju 2013, jghid li Victor Bonavia kien irraportalu li nhar is-27 ta' April 2013 kien irrapporta li xi hadd kien sgassa il-bieba tat-trakk tieghu u hadlu s-somma ta' mitejn u sittin Ewro (€260) u c-curkett tat-tieg u dan kien irrapportalu li xi jiem qabel xi hadd

mhux maghruf kien seraqlu xi ammont ta' flus mill-vettura. Spjega li fl-10 ta' Mejju Bonavia kien rega' mar ikellmu u qallu li missieru li kien qaghad ghassa mat- trakk tieghu u kien innota lil xi hadd jiftah il-bieba tat-trakk, jidhol gewwa t-trakk u jqalliblu go fih u meta resaq lejn it-trakk innota li l-persuna kienet l-imputat, li hu kien jaf ghaliex kien imur isaqqi mieghu u meta staqsih x'kien qed jaghmel fil-vettura tieghu qallu li kien qed ifittex ic-cavetta tad-dar tieghu. Qal ukoll li mill-investigazzjoni li huwa ghamel ma' Bonavia stess irrizultalu li fil-passat dan verament kien izomm ic-cavetta tad-dar tal-imputat, pero' kien lahaq tahielu lura. L-Ispettur jghid li dakinhar l-imputat kien gie arrestat u fuq il-persuna tieghu instabu biss zewg pakketti sigaretti.

Victor Bonavia jaghti verzjoni daqsxejn differenti u jghid li darba minnhom kienu serquh mit-trakk wara li kienu fethulu l-bieba u hu kien mar jaghmel rapport minkejja li ma kienx jaf min kien seraqlu s-somma ta' erba' mitt Ewro (€400) flimkien mac-curkett. Fit-tieni okkazjoni jghid li xi hadd hadlu s-somma ta' mitejn u sittin Ewro (€260) u donnu jghid li kien hemm xi okkazjoni ohra meta ma nsteraqlu xejn ghaliex flus fit-trakk ma halliex. Jghid li huwa mar l-ghassa ghaliex kien gharaf lill-imputat fit-trakk tieghu u meta staqsih x'kien qed jaghmel hemm jghid li dan nizel mit-truk u telaq' l hemm. Ma jghidx li ra lill-imputat jisgassa il-bieba, jghid li rah biss jiftah il-bieba u waqqfu u meta kellmu allegatament dan beda jitrieghed. Pero' meta Bonavia tkellem mal-Ispettur ma jirrizultax li Bonavia qallu dan. Anzi jirrizulta l-oppost, cioe' li l-imputat kien tah spjegazzjoni ghaliex kien fit-trakk tieghu, u l-ispjegazzjoni li tah hija wahda plawsibbli ghaliex fil-fatt verament kien hemm zmien meta Bonavia kien izommlu c-cavetta tad-dar. Ghalhekk din il-Qorti gja tinnota li hemm differenza fix-xhieda li Victor Bonavia ta' *viva voce* fil-Qorti u dik moghtija minnu lill-Ufficjal Investigattiv, kif sussegwentment irrapportata mill-Ispettur Josric Mifsud u kif rapportata fl-okkorenza. Paul Bonavia, missier l-allegat vittma jghid li ibnu Victor kien safa' vittma ta' serq xi gimgha qabel ma sehh l-incident fejn sab lill-imputat (li huwa gharaf fl-awla) fil-kabina tat-trakk ta' ibnu li ghandu n-numru ta' registrazzjoni ABM 983. Dan jghid li ra lill-imputat jilghab b'turnavit mas-

serratura tal-kabina, qisu qed idawwar ic-cavetta. Rah ifittex fil-post fejn is-soltu ibnu jhalli l-flus u meta staqsieh x'kien qed jaghmel fil-pront wiegbu li kien qed ifittex ic-cavetta tad-dar tieghu. Jghid li dak il-hin xtaq jistenna lil Victor izda dan ma marx u ghalhekk telaq 'l hemm. Victor ma jsemmi l-ebda turnavit u lanqas ma' l-ufficjal investigattiv isemmi turnavit fix-xhieda tieghu.

Il-prosekuzzjoni lanqas ma resqet xi prova dwar xi allegat hsara li setgha kien hemm fit-trakk b'kagun ta' dan it-turnavit. Jirrizulta wkoll li Victor Bonavia jghid li l-imputat ma tahx raguni ghaliex kien fit-trakk waqt li Paul jghid li kien qed ifittex ic-cavetta. Pero' PS 839 li kien prezenti meta sar ir-rapport l-ghassa jghid li Victor Bonavia li kien l-ghassa ma' Paul Bonavia jaghmel ir-rapport u jghid li meta Paul staqsa lill-imputat x' kien qed jaghmel fit-trakk dan wiegbu li kien qed ifittex ic-cavetta u ghalhekk mhux minnu li qabad nizel mit-trakk kif fisser Victor Bonavia fix-xhieda tieghu u meta qal li qabad u telaq 'l hemm.

PS 950 Buhagiar jghid li fis-27 ta' April 2013 Victor Bonavia kien xehed li kien sefa vittma ta' serq fl-ammont ta' €260 dakinhar tar-rapport tieghu liema flus kien halla fil-kabina sabiex imur jaghti d-diesel u darba ohra qabel kien safa vittma ta' serq ta' erba' mitt ewro (€400) pero' jghid li ma kienx ghamel rapport ghaliex kien haseb li tilifhom fl-ghalqa.

Illi ghalhekk dwar l-ewwel akkuza u cioe' l-attentat ta' serq li allegatament seta' sehh fl-10 ta' Mejju 2013 jirrizulta li huwa veru li l-imputat nstab fil-vettura ta' Victor Bonavia meta ma kellux permess pero' jaghti spjegazzjoni kemm fl-istatement tieghu meta kien qed jigi investigat, kif ukoll meta gie mwaqqaf minn missier il-vittma Paul Bonavia. Jghid li kien mar fit-trakk sabiex ifittex ic-cavetta tieghu. Skond ma xehed u rrelata l-psikjatra, l-imputat ibaghti minn *learning difficulties* u b'hekk ghandu IQ baxx u ghalhekk il-kapacita' tieghu biex jara l-qofol tad-decizjoni tieghu huwa wiehed *impaired*, baxx. Barra minn hekk ghandu zewg kumplikazzjonijiet ohra, li wahda minnhom hija li ghandu problema ta' abbuz ta' alkohol u din tikkondizzjonalu gravement l-IQ u l-ftit

*coping skills* li ghandu u konsegwentement il-maturita' biex jara l-konsegwenzi tad-decizjonijiet tieghu huma kompromessi. Ghalhekk fid-dawl ta' tali dikjarazzjoni, il-Qorti issibha difficli tahseb u temmen li r-raguni li huwa ta ghaliex kien fit-trakk ma kinitx wahda veritiera u sinciera.

Daltronde, jirrizulta li kien hemm zmien meta effettivament huwa minnu li Victor Bonavia kien qed izomm ic-cavetta ta' l-imputat u dan ghaliex filghodu kien jidhol ghandu u jqajmu. Jirrizulta wkoll li skond ma qal Paul Bonavia, meta rah fit-trakk, dan kien qed ifittex xi haga. Illi ghalhekk l-ispjegazzjoni li ta l-imputat, li ghandu IQ baxxa hafna, ta' dak il-mument a tempo vergine kienet wahda plawsibbli. Jirrizulta wkoll skond ma xehed Victor Bonavia li wara li kien gie misruq dabtejn ma kien halla xejn li seta' jinsteraq fit-trakk dakinhar li nstab fih l-imputat.

Jinghad ukoll li Paul Bonavia jghid li l-imputat dakinhar dahal fit-trakk ghaliex kien sgassa s-serratura b'tornavit waqt li l-imputat jghid li kien dahal fit-trakk ghaliex ma kienx imsakkar. Il-Prosekuzzjoni ma gabet l-ebda prova sabiex tikkolobora dan il-fatt kif espress minn Bonavia u cioe' li kien hemm xi sgass. Lanqas l-ufficjal li investiga l-isgass ma jghid li ra sgass u lanqas ma l-vitma ressaq xi stimi ta' hsara li possibbilment seta' kien hemm jekk verament il-bieba giet sgassata. Ghalhekk fid-dawl ta' dan il-kwadru ta' fatti l-Qorti ma thossx li l-Prosekuzzjoni irnexxielha tipprova il-kaz taghha fir-rigward ta' din l-ewwel akkuza ta' attentat ta' serq.

Dwar it-tieni akkuza u cioe' dik ta' serq fis-27 ta' April 2013 u fil-gimghatejn ta' qabel, il-Prosekuzzjoni ma resqet l-ebda prova li kien l-imputat li wettaq dawn is-serqiet. Il-fatt li huwa nstab fit-truk dakinhar ta' l-10 ta' Mejju 2013, forsi meta ma kellux l-awtorizzazzjoni li jidhol fit-trakk, ma jfissirx *ut sic* li allura huwa kien seraq lill-allegat vittma fiz-zewg okkazzjonijiet precedenti. Il-Pulizija ma resqet l-ebda prova xjentifika sabiex torbot lill-imputat mas-serqiet. Jirrizulta wkoll li kien hemm zmien meta l-allegat vittma stess lanqas kien cert li kien safa'

misruq ghaliex jghid li haseb li kien tilef is-somma ta' erba' mitt ewro (€400) flimkien mac-curkett tat-tieg fl-ghalqa u kien ghalhekk li dakinhar meta nnota li ma kellux dawn il-flejjes ma kienx mar jaghmel rapport.

L-imputat li ghandu intelligenza baxxa hafna gie mistoqsi dwar din l-akkuza proprju a tempo vergine u cioe' nhar l-10 ta' Mejju 2013 meta rrilaxja l-istqarrija tieghu esebita fl-atti a fol 3 meta l-investigazzjoni kienet ghadha fil-bidu taghha pero' fl-ebda hin ma l-imputat jammetti jew jitfa' xi dawl li b'xi mod tista' torbtu mal-allegat reat. Il-Pulizija li hadhet l-okkorrenza tas-27 ta' April 2013 u cioe' WPC 78 Ciantar tikteb fir-rapport taghha li kien hemm hsara fis-sellatura tal-bieba ta' quddiem naha tal-passigiera pero' l-Prosekuzzjoni ma elevat l-ebda finger prints minn fuq it-trakk li setghu jigu komparati mal-finger prints ta' l-imputat u lanqas ma gibdet xi ritratti li b'xi mod seta jigi inkriminat l-imputat.

Ghalhekk din il-Qorti wara li rat l-**Artikoli tal-Ligi u cioe' l-Artikoli 18, 31, 41(1)(a), 261(b)(c)(d), 263, 264, 265, 266, 267, 268, 278, 280, 281, 532A u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta mibghuta mill-Avukat Generali tiddeciedi li ma ssibx lill-imtutat JOSEPH MUSCAT hati tal-akkuzi kif addebitati fil-konfront tieghu u tilliberah minnhom.**

**Dr Consuelo Scerri Herrera LL.D.**
**Magistrat**